**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Avviż numru 165/2016 CFF**

**Customs and Freight Agency Ltd (C 17475)**
**vs**
**Charles Azzopardi (KI 205854M) u**
**Anthony Azzopardi (KI 459957M)**
**eżerċenti fil-kummerċ bl-isem Azzopardi Fisheries**

**Illum 3 t'Ottubru 2023**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors Promotur ta' Customs and Freight Agency Ltd (C 17475) fejn esponiet:

U tgħid għaliex m'għandekx tkun ikkundannat

Tħallsu s-somma ta' ħamest elef mija sebgħa u erbgħin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (5147.75 ewro) rappreżentanti servizz rezi mis-soċjetà esponenti fuq inkarigu tagħhom.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata tat-tnax (12) ta' Ottubru elfejn u ħmistax (2015) u għaxra (10) ta' Ġunju elfejn u sittax (2016) u bl-imgħax legali mid-data ta' meta l-ħlas kien dovut sad-data tal-pagament effettiv. L-intimati huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Il-Qorti tinnota li daħlet risposta tal-konvenuti datata t-3 t'Awwissu 2016 li tinsab a fol 4 tal-proċess, fejn esponew:

1. Illi l-eccipjenti ma għandhom jħallsu xejn mill-ammont mis-soċjetà attriċi.
2. Illi fi kwalunkwe każ l-eccipjenti ħallsu ammonti żejda għal servizz rezi lilhom mis-soċjetà attriċi u dana kif għandu jirrizulta aħjar fil-mora u t-trattazzjoni tal-kawża.

Rat illi mar-risposta tagħha l-konvenuti ressqu **kontro-talba** fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallasha dik is-somma hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti bħala waħda mħallsa lilha ndebitament flimkien mal-imgħax dekorribbli mil-lum sal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż, u bis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata li tibqa ngunta minn issa ghas-subizzjoni. Illi in oltre iddikjaraw illi l-mertu ta' dina kontro-talba ma jeżorbitax il-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Rat **ir-risposta tal-attriċi rikonvenzjonata** ippreżentata fit-23 ta' Awwissu 2016 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti :-

1. *Illi l-kontro talba tal-intimati hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana għas-segwenti raġunijiet:*
2. *Illi fl-ewwel lok, l-intimati ma ndikawx kemm hi l-allegata somma eċċessiva li għandha tiġi rifuza lilhom;*
3. *Illi fit-tieni lok mhux minnu li l-intimati interpellaw lis-soċjetà esponenti diversi drabi sabiex tirrifondi l-ammonti mħallsa minnhom u dan bħal ma ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.*
4. *Illi bħal mhu ser jiġi trattat fil-mori ta' din il-kawża, l-intimati jafu ben tajjeb sew x'kienu l-ispejjeż involuti fit-trasport tal-prodotti hekk kif ipprovdut mis-soċjetà attriċi;*
5. *Illi l-intimati wkoll dejjem kienu infurmati dwar l-ispejjeż hekk kif inkorsi għat-trasport lilhom u dejjem hemm qbil, l-intimati qatt ma kkontestaw l-ispejjeż tas-soċjetà attriċi infatti kienu jħallsu l-istess spejjez regolarment*
6. *Għaldaqstant ma sar l-ebda ħlas li ma kienx dovut mill-intimati u dan peres illi s-servizz tas-soċjetà attriċi kien mgħoti u kompletat fl-intier tiegħu u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad il-kontro-talba tal-intimati, bl-ispejjeż*

Rat id-dokumenti sottomessi miż-żewġ partijiet;

Rat ix-xhieda ta' Kevin Attard, Nicholas Spiteri, Anthony Azzopardi, Joe Cutajar;

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esibiti u cioè dok KA1, sett ta' dokumenti mmarkati dok KA2, affidavit ta' Nicholas Spiteri, dok AA1 sa dok AA4, JC1, dok AA5, tlett dokumenti immarkati AA6, dok AA7 u dok AA8, 34 dokument li gew immarkati minn VB1 sa VB34, 17 il-dokument li gew immarkati minn B1 sa B17, dok AC1.

**Ikkunsidrat**

Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' serviġi reżi lill-konvenuti fl-ammont ta' €5147.75, liema serviġi jikkonsistu fit-trasport ta' prodotti ta' ħut u affarijiet simili. Min-naħa tagħhom il-konvenuti, li huma eżerċenti fil-kummerċ fil-bejgħ ta' prodotti tal-ħut u affarijiet simili jsostnu li l-ebda ħlas m'huwa dovut peress li l-ammont pretiż huwa kalkulat b'rata aktar għolja. Illi mhux talli hekk, li l-konvenuti għamlu kontro-talba fejn iddikjaraw li l-ammont pretiż mhux dovut tant li huma għandhom jitħallsu lura l-flus żejda li taw lis-soċjetà attriċi minħabba li kienu qeghdin iħallsu b'rata aktar għolja. Is-soċjetà attriċi issostni wkoll illi l-fatturi maħruġa mis-soċjetà attriċi lill-konvenuti kienu skont il-ftehim li kien hemm bejniethom għall-ġarr ta' merkanzija b'piż u kubaġġ hekk miftiehma.

Illi mill-atti jirriżulta li meta l-konvenuti ġew ippressati mis-soċjetà attriċi biex iħallsu l-ammont dovut, dawn baqgħu jinsistu li ma jħallsux għar-raġunijiet li l-ammont kien diġà tħallas u aktar minn hekk li hemm talba għal ħlas lura ta' ammonti żejda li saru mis-soċjetà attriċi meta ġarret ix-xogħol minn barra liema somma trid tiġi likwidata mill-Qorti.

**Xhieda**

Illi da parti tas-soċjetà attriċi, id-direttur tagħha **Kevin Attard** xehed illi l-konvenuti ilhom għal diversi snin jużaw is-servizz tagħhom sabiex jinġieb ix-xogħol minn barra. Sakemm kien ilhom jaħdmu magħhom qatt ma kien hemm problemi ta' ħlas u dejjem ħallsu fil-pront. Kompla jgħid li minħabba raġunijiet ta' regolamenti kull pallet ma jistax jeċċedi l-ammont ta' disa mitt kilo. Illi trakk jista' jkollu sa massimu ta' sitta u għoxrin pallet mgħobbi. Illi minħabba li ġieli kien hemm piż aktar milli suppost li jiflaħ il-pallet allura kien ikun hemm ħlas aktar għoli u dan skont jekk kienx ikun ta' żewġ pallets jew inkella bħala ratio bħala piż. Illi l-konvenuti ma riedux iħallsu l-ammont dovut għaliex skont huma kien hemm ħlas eċċessiv meta dawn kienu infurmati dwar il-ftehim ta' kif isir il-ħlas tal-ġarr tal-merkanzija. Illi kienu

dawn l-aħħar invoices li bdew il-problemi għal tali ħlas. Għalkemm kienu ġew offruti li jħallsu biss fl-ammont ta' ħamsin fil-mija xorta ma kienux aċċettaw. Ġew esebiti diversi dokumenti u cioè l-invoices kollha u s-CMR documents.

Illi xehed **Nicholas Spiteri** permezz ta' affidavit, qal li huwa jaħdem mas-soċjetà attriċi u joħroġ l-invoices u jaf li l-konvenuti kien ilhom ghal diversi snin jaħdmu magħhom u qatt ma kien hemm problemi ta' ħlas min-naħa tagħhom. Kull invoice maħruġa kien ikun hemm kull dettal tax-xogħol li jkun inġib għal konvenuti. Kien ikun hemm ħruġ ta' CMR li jiddikjara t-trasportatur meta x-xogħol jinġarr bejn l-Italja għal Sqallija. Ġara li l-aħħar invoices ma kienux tħallsu.

Xehed min-naħa tal-konvenuti **Anthony Azzopardi** ġara li huwa kien dejjem jiffirma u jħallas l-ammont li kien dovut iżda darba ġab xi xogħol għal ħaddiehor u talbu l-ħlas ta' kważi tlett mitt ewro. Huwa ġie infurmat li għal dan ix-xogħol kien ħallas iżżejjed. Mas-soċjetà attriċi kien hemm ftehim biex iġġiblu x-xogħol u meta kien jaħdem ma' kumpaniji oħra dejjem ħallas madwar 150 ewro għal kull pallet u anki ma' l-istess soċjetà attriċi. F'daqqa waħda il-kontijiet bdew joħorġu ferm aktar għola u għalkemm huwa dejjem iffirma ċ-ċekkijiet għal ħlas għax kellu fiduċja fihom. Kompla jgħid li huwa ma kienx aċċetta li jħallas dan l-ammont u sal-ġurnata tal-lum għadu jaħdem miegħu u l-prezz qiegħed jiġih 150 ewro kull pallet. Illi s-soċjetà attriċi bdiet titlob ħlas ta' madwar tlett mitt ewro flok mija u ħamsin. Ġara li kull darba jaqbeż kien jispiċċa jħallas ta' tlett mija u erbgħin ewro. Fil-fatt kien bagħtlu sabiex minflok iħallas l-ammont pretiż, iħallas biss in-nofs l-ammont dovut. Skont hu, is-soċjetà attriċi bdiet iżżid il-prezzijiet mingħajr huwa ma kien jaf għax kienu qalulu li kienet is-soċjetà Taljana li bdiet tgħolli l-prezzijiet. Huwa esebixxa diversi dokumenti li juru li kumpaniji oħra għall-istess ġarr ta' merkanzija kien qiegħed iħallas ferm anqas. Mill-kalkoli li għamel ħareġ li huwa ħallas żejjed is-somma ta' 17,000 ewro.

Xehed ukoll **Joseph Cutajar** li qal li jaħdem ma' Azzopardi Fisheries qal li l-ftehim kien li kull pallet li jħallsu tiegħu 150 ewro u wara ndunaw li l-ħlas kien qiegħed jinħareġ kien id-doppju. Huma kienu infurmawh li ma kienux sejrin iħallsu ghaliex l-ammont mifthiem ma kienx ta' hekk u kien hemm mument li anki kienu bgħatu email min-naħa tas-soċjeta' attriċi li l-ammont li kienu sejrin jitolbu bħala ħlas kien in-nofs dak li kien dovut. Mill-kalkolu li għamlu, fejn ġiet esebieta spreadsheet (a fol 72 et seq) tal-ħlas li kien sar skont l-invoices li nħarġu mis-soċejta' attriċi fejn urew li kien hemm diskrepanzi. Ix-xogħol kien jasal għandhom u kienu jiffirmaw delivery note u wara kienet tasal l-invoice. Illi skont ma qal ix-xhud il-pallet kien ta' 1200 kilo u kif jaqbeż is-soċejta' attriċi kienet titlob ħlas ta' żewġ pallets. Kompla jgħid

fejn hemm imniżżel il-ħlas ta' żewġ pallets kien ta' 410 ewro meta suppost huma ħallsu 310 ewro ta' dawn it-tnejn.

Reġa' xehed ukoll **Anthony Azzopardi** fejn qal li skont il-ftehim kien ta' 150 ewro kull pallet waqt li minnhom kien hemm piż ivarja bejn 600kg u 1200 kg. Huwa esebixxa diversi invoices (a fol 84 et seq) ta' xogħol ieħor li ħa minn għand kumpaniji oħra bħala paragun għal ħlas li kien għamel lis-soċejta' attriċi. Meta reġa' xehed esebixxa diversi dokumenti oħra li juri kemm ħallas żejjed huwa tax-xogħol li kien ħallas għalih mingħand is-soċejta' attriċi fejn qiegħed jitlob il-ħlas lura tagħhom. Illi fid-dokument B2 huwa statement tal-ammont minnhom pretiż sabiex iħallas lis-soċejta' attriċi. Illi fid-dokument B3 juri li huwa għandu jagħti biss somma anqas minn dak mitlub u dan skont il-kalkoli li huwa għamel.

Xehed in kontro-eżami **Joseph Cutajar** in kontro-eżami qal li l-ftehim mas-soċjetà attriċi kien ta' 150 ewro għal kull pallet. Illi semma li għalkemm kienu qegħdin iġiebu l-istess ammont ta' xogħol, huma kienu qegħdin jitolbu ħlas doppju. Illi fil-fatt meta kienu staqsew għala qiegħed jiġri hekk, qalulhom li kien minħabba l-piż tal-pallet, għalkemm meta xi żmien qabel kienu ġabu l-istess ammont ta' xogħol u ħallsu ferm anqas milli kienu qegħdin jitolbu s-soċjetà attriċi. Illi skont hu, l-ammont ta' kull pallet kellu jkun ta' 1200 kg. Kompla jgħid li l-ammont ta' aktar minn 17,000 ewro kienu waslu għaliha minħabba li kienu raw x'kienu ħallsu mill-invoices u minħabba l-ftehim li kien hemm fuq il-ħlas għal kull pallet. Illi mill-invoices li esebixxa kien hemm invoice li l-ammont bħala piż kien l-istess u ħallsu 150 ewro. Ix-xogħol li kien jinġieb kien jarah hu u l-kont kien jasal wara u ma kienx jara l-invoices li kienu jaslu.

Xehed ukoll in kontro-ezami **Anthony Azzopardi** qal li beda juża s-servizz tas-soċjetà attriċi mis-sena 2009. Huwa kien ġie mitlub minn ċertu Darren Debono sabiex iġiblu xi xogħol minn barra u meta ġabuh dan ix-xogħol indundaw li l-ammont li riedu bħala ħlas kien ferm aktar għoli. Huwa qabbel ix-xogħol li kien jinġieb ma' kumpaniji oħra u ta kulħadd kien ferm anqas minn tas-soċejta' attriċi u kulħadd kien iżomm 150 ewro. Illi huwa dejjem ħallas l-ammont li kien ikun mitlub fejn il-lavranti tiegħu kienu jiġu biex hu jiffirma ċ-ċekkijiet u kienu jibgħatu l-ħlas. Illi huwa kien induna minħabba li kien qallu dan Darren Debono u mhux il-lavranti tiegħu meta kienu jiġu biex huwa jiffirma l-karti. Huwa x-xogħol li kien jasal kien imħallas iżda ma kienx ħallas tat-trasport tax-xogħol lis-soċjeta attriċi.

*Fuq il-mertu*

Is-soċjetà attriċi tikkontendi li l-ammont ta' 5147.75 ewro huwa dovuti lilha għal servizz li huma taw sabiex tinġieb merkanzija għal konvenuti. Min-naħa

tal-konvenuti huma jinnegaw li għandhom jagħtu dan l-ammont għal sempliċi raġuni li huma diġà kienu ħallsu iżżejjed minn dak li kien mifthiem u mhux talli hekk li huma in kontro-talba għamlu pretensjoni li għandhom jiehdu 'l fuq minn sbatax-il elf ewro (€17,000) mingħand is-soċjetà attriċi rikonvenzjonata. Illi mill-provi mressqa mis-soċjetà attriċi hemm diversi invoices li ġew esebieti li kienu għadhom ma tħallsux. Illi skont il-ftehim li kien hemm huwa li kull pallet kellu jkun ta' disa' mitt kilo sabiex ma jeċċediex kemm jiflah container għax kull ma joqgħodu fih kien ta' sitta u għoxrin pallet. Illi kompla jixhed l-istess direttur tas-soċjetà attriċi li jekk jinqabeż l-ammont allura l-ħlas jkun aktar. Illi min-naħa tal-konvenuti, jargumentaw li l-ammont li kellu jitħallas kien biss ta' 150 ewro għal kull pallet u bħala piż kien ta' madwar elf u mitejn kilo għal kull pallet. Illi mhux talli hekk li kienu talbu xogħol ieħor minn għand kumpaniji oħra li jagħmlu l-istess xogħol tas-soċjetà attriċi fejn irriżulta li l-ammont kien ferm irħas kważi n-nofs ta' kull darba li kienu qegħdin iħallsu huma. Illi għalhekk huma għamlu kontro-talba li l-ammont mhux talli tħallas iżda għandhom jieħdu lura somma ferm akbar.

Illi però għandu jingħad li l-ftehim ta' kemm kellu jkun il-ħlas jew il-piż ebda parti ma ġabet prova dokumentarja ta' dak li ntqal fix-xhieda tagħhom. Illi għandu jingħad li l-Qorti kif ġie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deċiża nhar il-ħamsa w għoxrin (25) t'April, 2002, mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:-

> ***"Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bhala li hi bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtieġa trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġonevoli."***

Għal dak li huwa apprezzament tal-provi, l-kriterju determinanti m'huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l- ispjegazzjonijiet humiex verosmili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 8 t'April, 1994; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 17 ta' Lulju, 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummerċjali – 25 ta' Frar, 1952).

Kif ingħad fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April, 2004, fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

> ***"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.***
>
> ***Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo***.

Fil-kamp ċivili, għal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet mgħotija lilhu imma jekk dawn il-fatti humiex tali li huma verosimili għal dak li ġara. Illi għalhekk dan il-prinċipju tal-bilanċ tal-probabilitajiet marbuta mal-fatti huma l-bażi tal-azzjoni azzjoni ċivili. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġonevoli.

*Il-Provi*

Illi kif ingħad hawn fuq ma nġiebu ebda dokument li juri kemm għandu jkun l-ammont li jrid jithallas għal kull pallet jew inkella l-piż li għandu jkun. Dan il-fatt li huwa kontestat fejn iż-żewġ partijiet taw verżjoni differenti ta' kemm għandu jkun. Illi iż-żewġ partijiet esebew diversi dokumenti u għalhekk il-Qorti trid issa tiflihom u tara jekk jagħmlu sens għat-talba kif magħmula mis-soċjetà attriċi kif ukoll għal kontro-talba li saret mill-istess konvenuti għal pretensjoni tagħhom. Illi mill-assjem tal-provi hemm divergenza kbira bejn iż-żewġ kontendenti f'dawn il-proċeduri fejn parti qegħda titlob għal dan il-ħlas waqt li l-parti l-oħra tgħid li lanqas huwa dovut. Illi għalhekk minn dan kollu, l-Qorti għandha diffikultà sabiex tasal għal fatt ta' eżatt x'gara fid-dawl ta'dawn iċ-ċirkostanzi. Kif intqal hawn fuq, sabiex il-Qorti tista' tasal għal konklużjoni jkun il-każ li f'kawża ċivili, d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u indizji, purke s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika.

Illi minn eżami akkurat tal-istess dokumenti li ġew esebieti mis-soċjetà attriċi kif diġà ingħad hemm żewġ verżjonijiet tal-fatti f'dan il-każ u għalhekk il-Qorti trid tasal sabiex tieħu deċiżjoni minn ċirkostanzi oħrajn. Illi għar-rigward tal-

kwistjoni dwar il-kubaġġ u d-diskrepanza bejn il-kubaġġ jew inkella l-piż iddikjarat fl-invoice, ma sar ebda kontroeżami mis-soċjetà attriċi. Illi l-istess konvenuti ikkontestaw l-fatt li l-ammont kellu jkun biss ta' 150 ewro għal kull pallet waqt li s-soċjetà attriċi tikkontendi li l-varjazzjoni kellu jkun il-piż iżda ma semmiet xejn dwar kemm kellu jkun l-ammont li għandu jithallas għal kull pallet jew inkella r-rata għal kull kubaġġ. Illi in sostenn tal-ammont li skont l-istess konvenuti kellu jitħallas, esebew diversi invoices ta' soċjetajiet oħra li juri ferm anqas minn dak li huma ħallsu mas-soċjetà attriċi.

Invoices tas-soċjetà attriċi juru f'dan il-kaz li (a fol 26) li kienet inħarġet invoice għal kubaġġ ta' 1.6 cbm u bħala piż kien biss ta' 100Kg u intalab l-ammont ta' 100 ewro. Illi fl-invoices l-oħra bhal f'dan il-każ dak li hemm a fol 28 juri li l-kubaġġ kien ta' 6.72cbm waqt li l-piż kien ta' 1617 kg. Illi dawn iż-żewġ invoices juru li kienu saru fl-istess perijodu taż-żmien u cioe' bejn id-29 u t-30 ta' Diċembru 2014. Għal ftit ġranet wara inħarġet invoice oħra (a fol 30) fejn għal-piż ta' 1490 kgs u kubaġġ ta' 3.59cbm intalab l-ammont ta' 465 ewro. Invoices oħra juru wkoll għall -istess perijodu ħlas ta' 310 ewro għal piż ta' 1215kg u kubaġġ ta' 2.74cbm (a fol 32). Waqt li għall-istess kubaġġ kien hemm invoices oħra li juri talba għal ħlas simili ta' 310 ewro. Illi però jidher li meta kien hemm talba għal ħlas aktar u anki l-kubaġġ kien hemm ftit differenza bejn l-invoices ta' qabel, illi f'dan il-każ (a fol 40) il-piż kien fattur li l-prezz mitlub kien ferm aktar għoli fejn tela' għal 465 ewro. Illi minn dawn l-eżempji, l-Qorti ma tistax tasal għal konklużjoni li kien hemm prezz fiss għal kubaġġ u dan għaliex fil-każ tal-invoice (a fol 26) l-ammont ta' 1.60cbm għal piż ta' 100kg tħallas biss mitt (100) ewro.

Illi min-naħa tal-konvenuti, huma esebew diversi invoices ta' soċjetajiet oħrajn sabiex juru li l-ammont li jħallsu kien ta' 150 ewro għal kull pallet u mhux kif kienet qegħda titlob is-soċjetà attriċi. Illi minn eżami ta' dawn l-invoices li jinsabu a fol 63 et seq hemm differenza bejn dawk esebieti mis-soċjetà attriċi. Illi għalkemm il-prezz li hemm imniżżel huwa ta' 150 ewro, illi ma jindikawx kemm kien il-kubaġġ tax-xogħol li qiegħed jinġieb. Illi fil-każ tad-dokument li jinsab a fol 63 jidher li hemm il-piż tagħhom iżda ma hemm xejn fuq il-kubaġġ. L-istess jingħad għal dak li hemm a fol 65 li għalkemm hemm hlas ta' 477ewro u għal tlett pallets, ma hemm ebda indikazzjoni tal-piż tagħhom u x'kienu dawn il-prodotti. Illi l-informazzjoni hija pjuttost nieqsa kif ukoll li ħadd minn dawn is-soċjetajiet li ġew esebieti d-dokumenti tagħhom ma tressaq sabiex jikkonferma eżatt il-kontenut ta' dawn l-invoices. Illi wkoll għandu jingħad li lanqas ma nġiebet prova ta' kemm fil-fatt kellu jithallas għal kull pallet jekk kienx bil-kubaġġ jew inkella bil-piż.

Illi f'dan il-każ, l-unika xhieda li tagħti spjegazzjoni tal-fatti hija dik ta' Kevin Attard fejn qal li l-prezz huwa kalkolat fuq il-piż ta' disa' mitt kilo u jekk jaqbeż

jitħallas ta' żewġ pallets jew aktar skont il-każ. Illi min-naħa l-oħra, l-konvenuti qegħdin jippretendu li x-xogħol mgħoti minn ħaddieħor għandu jkun l-istess ghal dik tas-soċjeta' attriċi. Illi b'sempliċi dikjarazzjoni min-naħa tal-konvenuti, jridu jikkonvinċu lill-Qorti li dan il-ħlas kien wieħed eċċessiv meta jitqabbel ma' ħaddieħor. Illi irid jingħad li ħadd mis-soċjetajiet li tagħhom invoices ġew esebieti ma tela' jixhed sabiex jikkonferma l-fatti u x'tip ta' ftehim kien hemm. Huwa fatt li l-konvenuti huma magħrufa fil-qasam tal-kummerċ għal diversi snin.

Lanqas huwa probabbli li l-istess konvenuti li dejjem ħallsu dak l-ammont għal diversi snin kif qalu huma stess u qatt ma ndunaw u dan kellu jkun persuna li ġibdet l-attenzjoni li wkoll dan ix-xhud ma tressaqx jixhed f'dawn il-proċeduri. Illi l-istess konvenuti ma ressqu ebda prova li turi li meta beda jinġieb ix-xogħol ma' l-istess soċejta' konvenuta l-prezz kellu jkun ta' mija u ħamsin ewro. Illi huwa fatt li ghalkemm il-prezzijiet matul iz-zmien jista' jinbidel ghal hafna raġunijiet, illi però ma jistax jinghad li l-konvenuti qatt ma kienu f'pożizzjoni li ma jindunawx li kien hemm żieda fil-prezzijiet meta huma stess kienu jġibu x-xogħol u jiffirmaw kull dokument inkluż meta jinħarġu ċ-ċekkijiet mill-istess konvenuti. Illi l-konvenuti kienu jafu ben tajjeb x'kienu dawn il-ħlasijiet li qegħdin jinħarġu u dan għamlitu għal diversi konsenji li saru tant li kienet tiffirma kull konsenja li kienet tasal u qatt ma lmentat li kien hemm xi problemi la ta' ħlas jew affarijiet oħra. Illi l-Qorti kienet tippretendi li l-konvenuti kienu jindunaw mill-ewwel ladarba skont huma il-ftehim kien ta' 150 ewro. Illi ma kienx ikun hemm il-bżonn li tiġi terza persuna u jgħidilhom li l-ammont li qegħdin iħallsu għalih kien ferm għola meta huma stess jammettu li kienu ftehmu mas-soċjetà attriċi s-somma ta' 150 ewro.

**Ikkunsidrat**

Illi sabiex jippruvaw isaħħu l-argument tagħhom il-konvenuti esebew dokument li juri li s-soċjeta attriċi kienet żammet 150 ewro għal konsenja u b'hekk skont huma kienet il-prova tal-fatt li ħallsu ferm aktar. Illi ta' min jinnota li f'żewġ invoices kien hemm talba għal ħlas ta' 175 ewro però dawn kienu għal fishing nets u mhux għal prodott ta' ħut. Illi għandu ukoll jingħad li meta xehed l-istess Joseph Cutajar huwa esebixxa żewġ invoices li waħda hija tas-sena 2010 u oħra tas-sena 2020 fejn juri li x-xogħol kien ta' 150 ewro għal kull pallet. Illi jibda biex jingħad li x-xogħol tal-Qorti mhux li toqgħod tifli u tara minn dak esebiet u tasal ghal konklużjoni fuq dak li taħseb. Illi l-Qorti fid-deċizzjoni tagħha, irid ikun hemm il-prova tagħha u spjegazzjoni ċara tal-fatti. Illi għalkemm il-konvenuti esebew dawn iż-żewġ dokumenti li jinsabu a fol 232 u 233, dan ma jfissirx li l-ftehim li kien hemm kien ta' 150 ewro fuq żewġ invoices b'għaxar snin differenza bejniethom. Illi għalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif ladarba skont il-konvenuti kien hemm il-ftehim

ta' 150 ewro u dan kien hemm invoice fis-sena 2010, skont huma qatt ma ndunaw b'dan. Illi l-istess konvenut ġab l-iskuża li huwa ma jafx jaqra u għalhekk ħass li s-soċjetà attriċi abbużat minnu. Illi għandu jingħad li l-istess invoices u x-xogħol li kien jidħol kien jgħaddi minn fażijiet differenti.

Illi fil-fatt mid-dokument esebiet a fol 232, fejn hija pro-forma invoice, il-konvenuti kellhom opportunita' li jaraw minn qabel il-prezz li jrid jitħallas. Illi però ma jistax jingħad li fil-każijiet ta' qabel ma nfetħet il-kawża u għalhekk il-ftehim li kien hemm u l-ftehim li sar u dan dejjem jekk sar waqt il-kawża ma jistax jingħad li huwa l-istess. Illi però huwa stat ta' fatt li l-konvenuti kellhom diversi persuni li jaraw ix-xogħol kollu. Illi kien hemm Joseph Cutajar stess li jara li jkun daħal ix-xogħol u jiffirma għalih, waqt li l-invoice kienu jaslu wara fl-uffiċini tagħhom li kien l-istess konvenut li jiffirma iċ-ċekkijiet u għamel dan għal diversi snin mingħajr qatt ma tkellem fuq il-kwistjoni tal-ħlas żejjed meta skont huma kellhom arranġament ta' ħlas ta' 150 ewro u kien hemm diġà invoice li turi li fis-sena 2010 kienu ħallsu dan l-ammont. F'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-11 ta' Novembru 1997**,** fl-ismijet **Eric Schembri et noe v. Lewis Baldacchino,** ingħad: "Fil-fehma tal-Qorti, il-qofol u l-pedament ta' kull liġi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza soċjali ibbażata fuq l-obbligazzjoni sa mill-bidu – ċjoe' ir-rationallis principium huwa li pacta sunt servanda."

Illi għalhekk din il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li tiddikjara li l-ammont pretiż mis-socjeta' attriċi huwa dovut.

Il-Kontro-Talba

Illi f'dan il-każ l-istess konvenuti għamlu kontro talba fejn iddikjaraw li s-soċjetà attriċi tħallasha dik is-somma hekk likwidata minn dina l- Qorti bħala waħda mħallsa lilha ndebitament flimkien mal-imgħax dekorribbli mil-lum sal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż, u bis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata li tibqa' nġunta minn issa għas-subizzjoni. Illi in oltre iddikjaraw illi l-mertu ta' dina kontro-talba ma jeżorbitax il-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Illi mill-provi mressqa f'dan il-każ u cioe' mix-xhieda tal-istess konvenuti rikonvenzjonati qalu li huma kienu ħallsu żejjed is-somma li taqbeż is-sbatax-il elf. Dan intqal kemm minn Anthony Azzopardi kif ukoll minn Joseph Cutajar li esebixxa diversi dokumenti sabiex juri dan il-fatt. Illi fir-risposta li taw l-atturi rikonvenzjonati semmew biss li "*Illi fl-ewwel lok, l-intimati ma ndikawx kemm hi l-allegata somma eċċessiva li għandha tiġi rifuża lilhom;*".

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni tal-istess talba kif magħmula mill-istess soċjeta attriċi. Illi din il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha saħqet li l-ammont li kellu jitħallas lis-soċejta attriċi kien dovut għal raġuni li dak li kien il-ftehim li sar

għal divresi snin. Illi għalhekk il-Qorti ma tistax tara issa fil-kontro-talba kif magħmula kien hemm ammont li tħallas żejjed u dan wara li l-ammont tal-ħlas kien hemm mifthiem bejn il-partijiet. Illi għalhekk din il-Qorti ma tistax tilqa' l-kontro-talba kif inhi magħmula ladarba il-partijiet kienu fthemu ħlas għas-servizz mgħoti.

**Decide:**

**Għalhekk u għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi l-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċejta' attrici rikonvenuta u tordna lill-konvenuti rikonvenzjonanti jħallsu s-somma ta' ħamest elef mija sebgħa u erbgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€5147.75) lis-soċjeta' attriċi, filwaqt li tiċħad it-talbiet kif kontenuti fil-kontro-talba, bl-ispejjez ta' din il-kawża kontra l-konvenuti rikonvenzjonanti inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali datati tnax (12) ta' Ottubru elfejn u ħmistax (2015) u għaxra (10) ta' Ġunju elfejn u sittiax (2016) u bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-pagament effettiv.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**
**Maria Grech Cardona**